

31976L0763

27.9.1976

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 262/135

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tas-27 ta' Lulju 1976****dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' sedili għall-passiġġieri għal tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija**

(76/763/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi l-ħtiġijiet tekniċi li għandhom jikkonformaw magħhom it-tratturi bi qbil ma' liġijiet nazzjonali jirrelataw *inter alia* ma' sedili għall-passiġġieri;

Billi dawn il-ħtiġijiet huma differenti minn Stat Membru għall-ieħor; billi għalhekk huwa neċessarju li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġijiet jew flimkien ma' jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom sabiex, b'mod partikolari, jippermettu li l-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett ta' Direttiva tal-Kunsill ta' 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-forestrija, tkun applikata fir-rigward ta' kull tip ta' trattur ⁽³⁾;

Billi din id-Direttiva hija intenzjonata sabiex tarmonizza dispożizzjonijiet nazzjonali għad-disinn u installazzjoni ta' sedili għall-passiġġieri fuq tratturi għall-agrikoltura iżda mhux sabiex tistandardizza il-ħtiġijiet ta' jekk it-tratturi għall-agrikoltura għandhom jew ma għandhomx ikollhom tali sedili installati fuqhom b'mod obbligatorju; billi ma huwiex lanqas intenzjonat li jkun hemm standardizzazzjoni tal-ħtiġijiet li jippermettu li tratturi jkollhom installat sedil wieħed jew aktar tal-passiġġiera; billi l-problemi li għandhom ma ġewx solvuti rigward is-sedili għall-passiġġieri bħala wieħed mill-oġġetti li jidhru fuq iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip iridu jkunu solvuti kemm

jista' jkun malajr billi din id-Direttiva tkun issupplimentata sabiex il-ħtiġijiet għall-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE jistgħu jkunu stabbiliti għal sedili għall-passiġġieri,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. "Trattur għall-agrikoltura jew għall-forestrija" ifisser kull vettura b'mutur li għandha roti jew trakkek li ma jspicċawx u li jkollha ta' l-inqas żewġ ifwies, li l-funzjoni prinċipali tagħha tkun fis-saħħa li tiġbed u li tkun speċifikament iddisinnjata sabiex tirmonka, timbotta, iġġorr jew tagħti s-saħħa lil ċertu għodda, makkinarju jew irmonki intenzjonata għall-użu għall-agrikoltura jew għall-forestrija. Jista' jkun armat sabiex iġorr tagħbija u jkollhom installat sedili għall-passiġġieri.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika biss għal tratturi definiti fil-paragrafu ta' qabel li għandhom roti pnevmatiċi u li għandhom żewġ ifwies, b'veloċità massima skond id-disinn ta' bejn 6 u 25 km/siegħa u wiswa' ta' 1 250 mm jew aktar.

Artikolu 2

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni ta' tip tal-KEE jew approvazzjoni ta' tip nazzjonali għal raġuni li jkollha x'taqsam mas-sedili għall-passiġġieri jekk il-ħtiġijiet ta' l-Anness ikunu ġew sodisfatti.

Artikolu 3

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta r-reġistrazzjoni jew jipprojbixxi l-bejgħ, dħul fis-servizz jew użu ta' tratturi għal raġunijiet relatati mas-sedili għall-passiġġieri jekk il-ħtiġijiet ta' l-Anness ikunu ġew sodisfatti.

⁽¹⁾ ĠU Ċ 28, 17.2.1967, p. 462/67.

⁽²⁾ ĠU Ċ 42, 7.3.1967, p. 620/67.

⁽³⁾ ĠU L 84, 28.3.1974, p. 10.

Artikolu 4

Kwalunkwe emendi meħtieġa sabiex ikunu adattati l-ħtiġijiet ta' l-Anness għal progress tekniku għandhom ikunu adottati bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 74/150/KEE.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar minn notifikazzjoni tagħha u għandhom jinfurmaw mal-ewwel lill-Kummissjoni bihom.

2. Stati Membri għandhom jiżguraw li t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1976.

Għall-Kunsill

Il-President

M. van der STOEL

ANNEX

I. REGOLI ĠENERALI GĦALL- KOSTRUZZJONI U INSTALLAZZJONI

1. Kull sedil għandu jkun mpoġġi b'tali mod li l-passiġġier ma jkun fl-ebda periklu u ma joħloq l-ebda tfixkil fis-sewqan tat-trattur.
2. Kull sedil għandu jkun installat tajjeb u mwaħħal sew skond it-tip ta' trattur, ma' membru strutturali tat-trattur (*chassis*, apparat ta' protezzjoni fil-każ li jinqaleb, pjattaforma, etc.).
3. Il-membri strutturali konċernat irid jkun b'saħħtu biżżejjed sabiex jiflaħ it-tagħbija ta' sedil tal-passiġġier.

II. REGOLI SPEĊJALI TA' KOSTRUZZJONI

1. Kull sedil għandu jkun ta' l-inqas wiesgħa 400 mm u ta' l-inqas fond 300 mm.
2. Kull sedil għandu jkun installat b'dahar ta' għoli ta' mhux inqas minn 200 mm u mhux aktar minn 250 mm li jinkludi support laterali. Id-dimensjonijiet imsemmija hawn fuq ma għandhomx japplikaw jekk ikun hemm spazju magħluq fejn jintrefgħu affarijiet goffi wara l-passiġġier. L-imħadda tas-sedil għandha tkun imbottita jew flessibbli.
3. Għandu jkun provdut rest għas-saqajn tal-passiġġier.
4. Għandu jkun hemm spazju ta' mill-inqas 920 mm 'il fuq mil-wiċċ tas-sedil tal-passiġġier. Iżda, fejn trattur jissodisfa l-ħtiġijiet relatati mal-protezzjoni tas-sewwieq u tas-sedil tiegħu, iżda l-konstruzzjoni ma tħallix tali spazju għall-passiġġier, l-ispazju jista' jitnaqqas għal 800 mm, sakemm tkun provduta biżżejjed mbottitura eżattament fuq is-sedil tal-passiġġier mal-livell tas-saqaf.

Il-parti ta' fuq ta' l-ispazju maħsub għall-passiġġier tista' tkun limitata fuq wara biss b'radius li ma jaqbix 300 mm (ara d-disinn miżjud). L-ispazju vertikali hu l-ispazju vertikali miftuħ bejn it-tarf ta' quddiem tas-sedil u s-saqaf tat-trattur.

5. Is-sedil tal-passiġġier ma għandux iżid mal-wisa' totali tat-trattur.
 6. Ma jistax ikun hemm aktar minn sedil wieħed tal-passiġġiera għal kull *mudguard*, fejn ikun hemm il-*mounting point*.
-

Appendiċi

